**72. Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Simon Busuttil jipproponi:-**

Peress li fis-seduta numru 55 ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2013 il-Kap tal-Oppożizzjoni staqsa lil Prim Ministru:

> *"Qalulekx, Sur Prim Ministru, dawn il-mexxejja li ħadd minnhom ma qallek li Malta hija l-agħar fl-Ewropa, li f'pajjiżhom jindaħlu politikament mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ma jeħux azzjoni kontra nies wara indħil politiku kif għamiltu intom bil-Kummissarju tal-Pulizija fuq il-każ ta' John Dalli".*

Peress illi l-Prim Ministru qajjem ksur ta' privileġġ u talab lill-iSpeaker sabiex jagħti *Ruling* fil-konfront tal-Kap tal-Oppożizzjoni;

Peress illi fis-seduta numru 56 ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru 2013 l-iSpeaker ta *Ruling* rigward il-każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Joseph Muscat, liema *Ruling* jipprovdi li dak li staqsa l-Kap tal-Oppożizzjoni lill-Prim Ministru jikkostitwixxi *prima facie* ksur ta' privileġġ fit-termini tal-Ordni Permanenti 60 u l-artikolu 11(4)(b) u rrefera l-każ lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi:

Peress illi d-diskors tal-Kap tal-Oppożizzoni u l-konklużjoni politika li huwa wasal għaliha, huwa eżerċizzju fid-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni, f'dan il-każ l-espressjoni politika fil-kuntest tal-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna, jiġifieri l-Parlament;

Peress illi kull attentat tal-Prim Ministru sabiex wieħed jipprova jxekkel Deputat f'dan il-każ il-Kap tal-Oppożizzjoni, milli jepsrimi ġudizzju jew opinjoni politika huwa attentat sabiex wieħed jiċċensura l-eżerċizzju tad-dritt tal-espressjoni politika u konsegwentement huwa attentat sabiex wieħed imajna d-demokrazija parlamentari f'pajjiżna;

Peress illi minkejja l-ispjegazzjoni tal-iSpeaker li għamel referenza għal dik li hi t-tifsira legali tal-kliem '*prima facie*' kif mogħtija fl-Artikolu 11(1) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, u cioè:

> *"l-espressjoni 'prima facie' tfisser li l-ilment li jkun sar ikun jallega ksur ta' xi regola stabilita b'din l-Ordinanza jew fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati... u m'għandha f'ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta' ħtija jew ta' innoċenza".*

Peress li f'kull każ meta l-Onor. Joseph Muscat qajjem ksur ta' privileġġ u talab lill-iSpeaker sabiex jagħti *Ruling* fil-konfront tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-istess Onor. Joseph Muscat imkien ma għamel referenza skont liema Ordni Permanenti tal-Kamra kien qed jintalab ir-*Ruling,* u dan imur kontra l-prassi wżata f'din il-Kamra kif kien mitlub ukoll f'mozzjoni imressqa mill-Onor. Joe Mizzi nhar it-22 ta' Marzu 2006;

U peress illi l-Ordni Permanenti 62 jipprovdi li kull membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-iSpeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirrisolvi li r-*Ruling* tal-iSpeaker li ngħata fis-seduta numru 56 ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru 2013 dwar każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Joseph

Muscat għandu jiġi rivedut u li jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

02.10.13

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta 60 tal-Erbgħa, 9 ta' Ottubru 2013.**